

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9373/26

RECH 222
ASIE 19

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-ftehim bejn l-Unjoni, u r-Repubblika tal-Indja dwar il-parteciġazzjoni tar-Repubblika tal-Indja fi programmi tal-Unjoni u l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Indja mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021–2027)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta'...

**li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għall-ftehim bejn l-Unjoni,
u r-Repubblika tal-Indja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Indja
fi programmi tal-Unjoni u l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Indja
mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas
għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021–2027)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 186 u 212, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Indja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Indja fi programmi tal-Unjoni u l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Indja mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021–2027),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ftuħ tan-negozjati għal ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Indja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Indja fil-programmi tal-Unjoni u l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Indja mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021–2027) huwa b'dan awtorizzat.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan innominata n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

Id-direttivi ta' negozjati li jinsabu fl-addendum għal din id-Deċiżjoni huma b'dan indirizzati lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

In-negozjati għandhom jitwettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Indja fi kwalunkwe programm tal-Unjoni u mal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Indja mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027), li huma b'dan maħtura bħala l-kumitat speċjali previst fl-Artikolu 218(4) tat-Trattat.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
